

Brussell, 16 ta' Jannar 2017  
(OR. en)

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0003 (COD)**

---

5358/17  
ADD 4

TELECOM 12  
COMPET 32  
MI 45  
DATAPROTECT 4  
CONSOM 19  
JAI 40  
DIGIT 10  
FREMP 3  
CYBER 10  
IA 12  
CODEC 52

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Jannar 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2017) 4 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni ta' data personali f'komunikazzjoni elettronika u li jħassar id-Direttiva 2002/58/KE (Regolament dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika)

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2017) 4 final.

---

Mehmuż: SWD(2017) 4 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.1.2017  
SWD(2017) 4 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**  
**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**dwar ir-rispett għall-ħajja privata u l-protezzjoni ta' data personali f'komunikazzjoni  
elettronika u li jħassar id-Direttiva 2002/58/KE (Regolament dwar il-Privatezza u l-  
Komunikazzjoni Elettronika)**

{COM(2017) 10 final}  
{SWD(2017) 3 final}  
{SWD(2017) 5 final}  
{SWD(2017) 6 final}

## A. Hemm bżonn ta' azzjoni

### X'inhni l-problema u għalix hija problema?

Il-Valutazzjoni tal-Impatt saret b'mod parallel mal-evalwazzjoni ex post tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (ePD) fil-qafas tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT).

Il-konklużjoni ġenerali hija li l-għanijiet tal-ePD għadhom rilevanti.

L-evalwazzjoni REFIT wasslet għall-identifikazzjoni ta' tliet gruppi prinċipali ta' problemi:

- Meta jikkomunikaw onlajn, il-ħajja privata ta' ċittadini mhijiex protetta biżżejjed u b'mod effettiv;
- Iċ-ċittadini mhumiex protetti b'mod effettiv kontra l-kummerċjalizzazzjoni mhux mitluba;
- In-negozji jiffaċċjaw ostakli li jinħolqu minn leġislazzjoni frammentata u interpretazzjonijiet legali differenti fost l-Istati Membri kif ukoll minn dispożizzjonijiet mhux ċari u skaduti.

L-evalwazzjoni REFIT ikkonkludiet ukoll li hemm lok għal simplifikazzjoni, b'mod speċifiku fir-rigward tal-eżistenza ta' għadd ta' dispożizzjonijiet skaduti jew mhux meħtieġa u tar-regoli dwar l-infurzar.

Din hija appoġġjata wkoll minn opinjoni tal-Pjattaforma REFIT li tirrakkomanda li l-protezzjoni tal-ħajja privata ta' ċittadini tiġi msaħħa permezz ta' allinjament tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika mar-Regolament Ġenerali dwar il-Privatezza tad-Data, li jiġu miżjuda eċċezzjonijiet għar-regola ta' "kunsens" għall-cookies u li l-Kummissjoni tindirizza l-problemi nazzjonali fl-implimentazzjoni.

### X'inhuma l-għanijiet?

L-għanijiet speċifiċi tar-rieżami huma:

1. L-iżgurar ta' kunfidenzjalità effettiva tal-komunikazzjonijiet elettroniċi;
2. L-iżgurar ta' protezzjoni effettiva kontra komunikazzjonijiet kummerċjali mhux mitluba;
3. It-tisħiħ tal-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni/l-aġġornament tal-qafas legali.

### X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Billi l-komunikazzjonijiet elettroniċi, speċjalment dawk ibbażati fuq protokoll tal-Internet, għandhom firxa globali, id-dimensjoni tal-problema tmur ferm lil hinn mit-territorju ta' Stat Membru wieħed. Ir-regoli nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet ivarjaw ħafna fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-kontenut. Filwaqt li huwa għalhekk possibbli għall-Istati Membri li jippromulgaw politiki li jiżguraw li dan id-dritt ma jinkisirx, dan mhux ser jinkiseb b'mod uniformi fin-nuqqas ta' regoli komuni tal-UE u ser joħloq restrizzjonijiet fuq il-flussi transkonfinali ta' data personali relatati mal-użu ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għal Stati Membri oħrajn li ma jissodisfawx l-istess standards tal-protezzjoni tad-data.

Ir-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika titqies konformi kemm mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif ukoll ma' dak tal-proporzjonalità billi żżomm l-istrateġija ta' armonizzazzjoni u l-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni, filwaqt li tippermetti lill-Istati Membri jieħdu miżuri derogatorji nazzjonali għal skopijiet leġittimi speċifiċi.

## B. Soluzzjonijiet

## **X'inhuma l-għażliet varji biex jintlaħqu l-għanijiet? Hemm xi għażla preferuta? Jekk le, għaliex?**

L-għażliet huma miġburin skont il-livell ta' ambizzjoni tagħhom (jiġifieri l-għażla 1 hija l-inqas ambizzjuża u l-għażla 4 hija l-aktar ambizzjuża) fir-rigward tal-ilħuq tal-għanijiet ta' hawn fuq (il-privatezza u s-simplifikazzjoni). L-Għażla 5 tqis ir-revoka tal-ePD.

**1. Għażla 1: Miżuri (“mhux vinkolanti”) mhux leġislattivi:** din tinkludi gwida pprovduta mill-Kummissjoni, l-inkoraġġiment ta' inizjattivi awtoregulatorji u miżuri mhux vinkolanti oħrajn

**2. Għażla 2: Tisħiħ limitat ta' privatezza/kunfidenzjalità u armonizzazzjoni:** din tipprevedi tisħiħ minimu tad-drittijiet ta' privatezza/kunfidenzjalità (billi jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument tal-Privatezza Elettronika li jkopri l-OTTs, il-Wi-Fi disponibbli għall-pubbliku u l-apparati IoT) u protezzjoni kontra telefonati mhux mitluba (jiġu ċċarati r-regoli attwali u jiġi impost prefiss standard) u s-simplifikazzjoni (revoka tad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà, tisħiħ tal-kooperazzjoni f'każijiet transkonfinali)

**3. Għażla 3: Tisħiħ imkejjel ta' privatezza/kunfidenzjalità u armonizzazzjoni:** din tipprevedi tisħiħ aktar sinifikanti tad-drittijiet tal-privatezza/kunfidenzjalità (estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni, trasparenza akbar tal-konfigurazzjonijiet tal-privatezza, aktar trasparenza, tisħiħ tas-setgħat tal-infurzar) il-protezzjoni kontra komunikazzjonijiet mhux mitluba (l-introduzzjoni ta' inklużjoni fakultattiva għal telefonati li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċjalizzazzjoni) u s-simplifikazzjoni (it-twessigħ tal-eċċezzjonijiet, revoka ulterjuri ta' dispożizzjonijiet mhux meħtieġa u s-simplifikazzjoni tat-tisħiħ billi jingħataw setgħat lill-awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tal-GDPR u l-estensjoni tal-mekkaniżmu ta' konsistenza tal-GDPR).

**4. Għażla 4: Tisħiħ estensiv ta' privatezza/kunfidenzjalità u armonizzazzjoni:** din tipprevedi aktar miżuri estensivi flimkien mal-Għażla 3, bħal projbizzjoni ġenerali ta' “cookie walls”, ir-revoka tal-eċċezzjoni ta' relazzjoni ta' negozju preċedenti għall-kummerċjalizzazzjoni bl-email u l-SMS, revoki addizzjonali u s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

**5. Għażla 5: Revoka tal-ePD:** din tipprevedi r-revoka tal-ePD u l-applikabbiltà li tirriżulta tal-GDPR, inkluża s-sistema ta' infurzar, għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tad-data personali relatata mal-komunikazzjonijiet elettroniċi; l-applikazzjoni ġeneralizzata ta' sistema ta' esklużjoni fakultattiva għal komunikazzjonijiet mhux mitluba u l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' konsistenza tal-GDPR.

## **Liema huma l-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?**

- Id-drittijiet **taċ-ċittadini** huma affettwati mil-livell ta' protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tagħhom. Huma favur l-għażliet li jsaħħu d-drittijiet tagħhom, bħall-Għażla 2, 3 u 4.
- **L-awtoritajiet nazzjonali u l-KEPD** jappoġġjaw l-għażliet li jwasslu għal protezzjoni akbar u aktar konsistenti tal-privatezza bħall-Għażliet 2, 3 u 4.
- **Il-fornituri tal-komunikazzjonijiet elettroniċi** huma d-destinatarji ewlenin tal-obbligi tal-ePD. Huma favur sew tal-Għażla 5. Bħala t-tieni l-aħjar alternattiva, huma jistgħu jaċċettaw l-għażliet 2 u 3 li jiżguraw li l-OTTs li jikkompetu jkun soġġetti għall-istess regoli.
- Il-fornituri **Over-the-Top** huma wkoll favur l-Għażla 1 u 5, peress li normalment huma jippreferu li ma jkunux soġġetti għal rekwiżiti regulatorji aktar stretti. L-Għażla 3 tkun l-aktar aċċettabbli wara dawn it-tnejn, minħabba l-marġni ta' flessibilità li tiżgura.

- **Il-pubblikaturi tas-siti web u l-operaturi tal-OBA** ċertament li jippreferu l-Għażla 5 għall-istess raġunijiet tal-ECS u l-OTTs.
- **Il-fornituri tal-brawżers** ser ikunu soġġetti għal responsabbiltajiet speċifiċi taħt l-Għażla 3. Għalhekk huma ma jappoġġjaw l-Għażla 3 u 4.
- **L-SMEs** normalment jappoġġjaw l-Għażla 1 u 5. Jekk huma ECS, huma jappoġġjaw l-Għażla 2 u 3 għall-kundizzjonijiet ekwi mal-OTTs. Jekk huma OTTs, huma jippreferu l-għażliet 1 u 5, u jqisu l-Għażla 3 bħala l-aktar waħda aċċettabbli wara dawn.

### C. L-impatti tal-għażliet preferuti

#### X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella ta' dawk ewlenin)?

L-għażla preferuta hija l-Għażla 3. Il-benefiċċji ewlenin huma:

- Tisħiħ tal-protezzjoni tal-kunfidenzjalità permezz ta' definizzjoni teknoloġikament newtrali, rekwiżiti ta' kontroll u ta' trasparenza tal-utent imsaħħa u infurzar aktar effettiv.
- Tisħiħ tal-protezzjoni kontra komunikazzjonijiet mhux mitluba, bis-saħħa tal-introduzzjoni tal-inklużjoni fakultattiva għal telefonati li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċjalizzazzjoni, l-introduzzjoni ta' prefiss u l-projbizzjoni konsegwenti ta' telefonati anonimi li jsiru għal għanijiet ta' kummerċjalizzazzjoni u l-possibbiltajiet imtejba biex jiġu mblukkati telefonati minn numri mhux mixtieqa.
- Simplifikazzjoni permezz tal-armonizzazzjoni u l-kjarifika tal-ambjent regolatorju, bis-saħħa tat-tnaqqis fil-marġni ta' manuvrar għall-Istati Membri, ir-revoka ta' dispożizzjonijiet skaduti u t-twessigħ tal-eċċezzjonijiet għar-regoli ta' kunsens.

#### X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla preferuta (jekk hemm, inkella dawk prinċipali)?

L-għażla preferuta hija mistennija tirriżulta f'iffrankar bħala riżultat ta' armonizzazzjoni u simplifikazzjoni addizzjonali. Pereżempju, iffrankar ta' sa 70 % tal-ispejjeż relatati mal-Privatezza Elettronika ġie kkalkulat darba permezz ta' ġestjoni ċentralizzata ta' għażliet ta' privatezza għas-siti web u l-applikazzjonijiet kollha.

Fil-livell ta' kategoriji speċifiċi ta' partijiet ikkonċernati, **l-atturi OTT** ikollhom iġarrbu xi spejjeż għar-reviżjoni tal-legalità tal-mudelli ta' negozju tagħhom. Madankollu, tali spejjeż mhumiex mistennija li jkunu sinifikanti. **Il-pubblikaturi tas-siti web** jistgħu jġarrbu xi spejjeż żgħir b'rabta mal-adattament. **Il-brawżers u l-fornituri ta' applikazzjonijiet simili li jippermettu aċċess għall-Internet** ikollhom iġarrbu spejjeż sinifikanti sabiex jiżguraw li l-utenti jkunu ppreżentati bl-għażliet xierqa dwar il-konfigurazzjonijiet tal-privatezza. **Il-kummerċjanti** jġarrbu xi spejjeż wara l-introduzzjoni tal-inklużjoni fakultattiva għal telefonati li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċjalizzazzjoni.

#### Ser ikun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-impatti ewlenin fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali joħorġu mill-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' konsistenza u l-ħtieġa possibbli li ssir allokkazzjoni mill-ġdid tal-kompetenzi ta' infurzar għad-DPAs biss. L-impatt ma jitqiesx bħala wieħed kbir, peress li jistgħu jintużaw is-sinerġiji ma' korpi ta' koordinazzjoni tal-UE li diġà jeżistu (eż. fil-qasam tal-protezzjoni tad-data).

#### Ser ikun hemm xi impatti sinifikanti oħrajn?

Le

#### Il-proporzjonalità?

L-għażla preferuta tinkludi miżuri bilanċjati, li lkoll jitqiesu meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet inkwistjoni mingħajr ma jiġi impost piż eċċessiv fuq il-partijiet ikkonċernati rilevanti. Barra minn hekk, il-miżuri huma mfassla b'mod flessibbli sabiex ikunu jistgħu jsiru l-eċċezzjonijiet meħtieġa, u huma teknoloġikament newtrali sabiex jiġi mminimizzat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi.

#### **D. Segwitu**

##### **Meta ser tiġi riveduta l-politika?**

Il-monitoraġġ kontinwu ser jiġi żgurat, fost l-oħrajn, permezz ta' rappurtaż mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.